

32006D0706

L 291/40

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

21.10.2006

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-20 ta' Ottubru 2006

**li temenda d-Deċiżjoni 92/452/KEE fir-rigward ta' ċerti gruppi ta' ġbir u produzzjoni ta' l-embrijuni fl-Istati Uniti ta' l-Amerika**

(innotifikata taħt document numru C(2006) 4907)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2006/706/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 dwar il-kondizzjonijiet ta' saħħet l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fil-pajjiżi terzi u importazzjonijiet minnhom ta' embrijuni ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi tal-bovini <sup>(1)</sup> b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/452/KEE tat-30 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi listi ta' gruppi approvati għall-ġbir u l-produzzjoni ta' embrijuni f'pajjiżi terzi għall-esportazzjoni ta' embrijuni tal-bovini lejn il-Komunità <sup>(2)</sup> tistipula li l-Istati Membri għandhom jimpurtaw embrijuni minn pajjiżi terzi biss minn fejn dawn ikunu ngābru, ġew ipproċessati u nħażnu mill-gruppi għall-ġbir ta' l-embrijuni elenkati f'dik id-Deċiżjoni.
- (2) L-Istati Uniti ta' l-Amerika talbu li jsiru emendi għar-reġistrazzjonijiet tal-listi għal dan il-pajjiż fir-rigward ta' ċerti gruppi tal-ġbir u l-produzzjoni ta' embrijuni.
- (3) L-Istati Uniti ta' l-Amerika pprovdew garanziji fir-rigward tal-konformità mar-regoli xierqa stabbiliti fid-Direttiva 89/556/KEE u l-gruppi tal-ġbir ta' l-embrijuni involuti ġew approvati uffiċjalment għall-esportazzjoni lejn il-Komunità mis-servizzi veterinarji ta' dak il-pajjiż.

(4) Id-Deċiżjoni 92/452/KEE għandha, għalhekk, tiġi emendata skond dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 92/452/KEE huwa emendat skond l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mit-tielet jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

## Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar il-20 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 302, 19.10.1989, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/60/KE (ĠU L 31, 3.2.2006, p. 24).

<sup>(2)</sup> ĠU L 250, 29.8.1992, p. 40. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2006/614/KE (ĠU L 252, 15.9.2006, p. 25).

## ANNEX

L-Anness għad-Deċiżjoni 92/452/KEE hu emendat kif ġej:

(a) jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin għall-Istati Uniti ta' l-Amerika:

|     |  |                  |  |                                                         |                    |
|-----|--|------------------|--|---------------------------------------------------------|--------------------|
| "US |  | 06TX126<br>E1482 |  | Smith Genetics<br>1316 PR 2231<br>Giddings, TX 78942    | Dr. Gary Moore     |
| US  |  | 06VA127<br>E1592 |  | Patrick Comyn<br>110 South Main St<br>Madison, VA 22727 | Dr. Patrick Comyn" |

(b) ir-ringiela għall-grupp tal-ġbir ta' l-embrijuni ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika Nru 04WI109 hija sostitwita b'dan li ġej:

|     |  |                  |  |                                                                         |                 |
|-----|--|------------------|--|-------------------------------------------------------------------------|-----------------|
| "US |  | 04WI109<br>E1257 |  | Cashton Veterinary Clinic<br>S 448 Nilsestuen Road<br>Cashton, WI 54619 | Dr. Brent Beck" |
|-----|--|------------------|--|-------------------------------------------------------------------------|-----------------|